Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Novembru 2018**
**(OR. en)**

**13921/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2014/0257(COD)**

**CODEC 1901**
**AGRILEG 189**
**VETER 79**
**PHARM 54**
**MI 800**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE **(l-ewwel qari)**<br>-- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fis-16 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(b) TFUE.

2. Fil-25 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-21 ta' Jannar 2015[3].

[1] 13289/14.
[2] 13328/18.
[3] ĠU C 242, 23.7.2015, p. 39.

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill

- japprova, bl-astensjoni tar-Repubblika Ċeka, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 45/18, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;

- jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.